KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 25 ta' Ġunju 2013 (05.07)
(OR. en)

11559/13

DEVGEN 168
ENV 639
ONU 68
RELEX 579
ECOFIN 639

NOTA

Minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	L-Aġenda Globali ta' Wara l-2015 - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Ġunju 2013, il-Kunsill adotta l-Konklużjonijiet dwar l-Aġenda Globali ta' Wara l-2015 kif stabbiliti fl-Anness għal din in-nota.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

L-Aġenda Globali ta' Wara l-2015

1. Id-dinja għaddiet minn bidliet enormi fis-snin reċenti, u għandha quddiemha bosta sfidi dinjin marbutin ma' xulxin; fuq quddiem nett hemm il-qerda tal-faqar u l-kisba tal-iżvilupp sostenibbli fit-tliet dimensjonijiet kollha tiegħu. L-isfidi huma ta' tant kobor u kumplessità li jeħtieġu impenn politiku dinji u azzjoni kkoordinata u koerenti mill-pajjiżi kollha, f'kull livell u fl-oqsma differenti ta' politika, inkluż l-indirizzar tal-inugwaljanzi fil-pajjiżi u bejniethom stess. F'dan il-kuntest, l-impenn f'aġenda usa' ta' wara l-2015 li tkun tinkludi qbil għal qafas ta' wara l-2015, huwa ta' prijorità għall-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha, li huma lesti biex jimpenjaw lilhom infushom fi djalogu miftuħ u kostruttiv.

2. Il-Kunsill ifakkar f'konklużjonijiet preċedenti[1] rilevanti u jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Ħajja Deċenti għal Kulħadd: Neqirdu l-faqar u nagħtu lid-dinja futur sostenibbli." [2]

3. Il-proċess ta' wara l-2015 għandu jsaħħaħ l-impenn tal-komunità internazzjonali lejn il-qerda tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli u jfassal qafas uniku komprensiv u koerenti għal twettiq u riżultati effettivi fil-livelli kollha. Il-qafas għandu jkun mfassal madwar sett uniku ta' miri dinjin sabiex jixpruna l-azzjoni fil-pajjiżi kollha.

[1] Dok. 15477/1/12 REV 1; dok. 9369/12; dok. 11080/10.
[2] Dok. 7075/13 - COM(2013) 92 final.

4. L-UE u l-Istati Membri tagħha jtennu l-impenn tagħhom li jkollhom rwol sħiħ u attiv fil-ħidma tat-tfassil tal-qafas ta' wara l-2015 u li jaħdmu b'mod inklussiv mas-sħab kollha, inkluż is-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet xjentifiċi u ta' għarfien, l-awtoritajiet lokali, is-settur privat u s-sħab soċjali, fl-ikkunsidrar tal-oqsma ta' prijorità għall-qafas. Id-dinamiżmu u l-kapaċità innovattiva tas-settur privat għandhom jintużaw biex joħolqu t-trasformazzjoni meħtieġa għall-iżvilupp sostenibbli. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-UE u l-Istati Membri tagħha, inkluż id-Delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi terzi, biex ikomplu jimpenjaw lilhom infushom fi djalogu u komunikazzjoni regolari dwar dawn il-kwistjonijiet.

Il-Kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs) u s-segwitu ta' Rio +20

5. L-UE u l-Istati Membri tagħha jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom lejn id-Dikjarazzjoni tal-Millennju u d-dokument ta' eżitu tas-Summit tal-2010 dwar l-MDGs u jenfasizzaw li huma jibqgħu impenjati li jagħmlu ħilithom kollha biex jgħinu fil-kisba tal-MDGs sal-2015, inkluż l-implimentazzjoni tal-Aġenda għall-Bidla. L-UE u l-Istati Membri tagħha jappellaw ukoll lis-sħab kollha biex jirduppjaw l-isforzi tagħhom fl-appoġġ għall-kisba tal-MDGs.

6. L-MDGs taw kontribut enormi fis-sensibilizzazzjoni pubblika, fiż-żieda tal-impenn politiku u fil-mobilizzazzjoni tar-riżorsi għall-ġlieda għall-qerda tal-faqar. Filwaqt li sar progress sostanzjali, il-kisba tal-MDGs ma tqassmitx b'mod ugwali, mhux biss bejn il-pajjiżi iżda wkoll fil-pajjiżi stess. Barra minn hekk, il-kisba tal-MDGs għadha ssib quddiemha sfidi konsiderevoli speċjalment fl-istati fraġli u dawk milquta b'kunflitt, kif ukoll fil-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs).

7. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-'Avveniment Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti biex isegwi l-isforzi magħmula għall-kisba tal-MDGs' (New York, Settembru 2013), li għandu jsaħħaħ l-impetus għall-kisba tal-MDGs u jipprovdi aktar gwida għall-elaborazzjoni ta' qafas wiesa' ta' wara l-2015.

8. Prijorità ewlenija għall-Istati Membri hija li jiġi rrispettat l-impenn formali tal-UE li b'mod kollettiv jiġi impenjat 0,7 % tad-DNG għall-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp sal-2015, b'hekk isir pass deċiżiv lejn il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju. L-UE u l-Istati Membri tagħha jaffermaw mill-ġdid l-impenji ODA kollha tagħhom sew individwali kif ukoll kollettivi, filwaqt li jikkunsidraw iċ-ċirkustanzi baġitarji eċċezzjonali.

9. Minħabba l-kobor tal-isfidi ta' quddiemhom, l-UE u l-Istati Membri tagħha ddeċidew li jieħdu miżuri konkreti biex jimplimentaw l-impenji tal-iżvilupp sostenibbli eżistenti, inkluż dawk li jinsabu fid-dokument ta' eżitu ta' Rio+20 "Il-Futur li Rridu", permezz ta' firxa ta' politiki u azzjonijiet fil-livelli kollha.

10. L-UE u l-Istati Membri tagħha jaffermaw mill-ġdid li ekonomija ekoloġika inklussiva u ġusta fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli u l-qerda tal-faqar hija waħda mill-għodod importanti disponibbli għall-kisba tal-iżvilupp sostenibbli u jissottolinjaw l-impenn tagħhom f'dan ir-rigward permezz tal-istrateġija tagħhom għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv (Ewropa 2020) u permezz ta' politiki rilevanti oħra u b'mod partikolari permezz tal-Istrateġija tal-UE għall-Iżvilupp Sostenibbli. Fil-kuntest ta' hawn fuq, huwa wkoll meħtieġ li jiġu rrispettati l-limiti planetarji, affrontati l-użu mhux sostenibbli u l-ġestjoni tar-riżorsi naturali, id-degradazzjoni tal-ekosistema, it-telf tal-bijodiversità, it-tniġġis, it-tibdil fil-klima u d-diżastri naturali, kif ukoll l-indirizzar tal-inugwaljanzi, ir-reżistenza għall-istress u l-impatti esterni u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, bażijiet ta' protezzjoni soċjali u xogħol deċenti għal kulħadd.

11. L-UE u l-Istati Membri tagħha jtennu d-deċiżjoni qawwija tagħhom li jappoġġaw l-isforzi kollha biex isaħħu l-qafas istituzzjonali għall-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li jsaħħu r-rwol tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari permezz tal-istabbiliment tal-Forum Politiku Intergovernattiv ta’ Livell Għoli dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (HLPF), ir-riforma tal-ECOSOC u l-istabbiliment tal-Assemblea Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti (UNEA) bi sħubija universali, bħala pass sinifikanti lejn l-objettiv fit-tul li l-UNEP tiġi trasformata f'aġenzija speċjalizzata tan-NU.

12. Il-Kunsill jisħaq dwar l-importanza li l-Qafas ta' 10 snin ta' Programmi dwar il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli (10 YFP) jitħaddem bis-sħiħ bħala għodda ewlenija biex jitħaffef it-tibdil fix-xejriet insostenibbli ta' konsum u produzzjoni u jissottolinja l-importanza li jiġu implimentati l-impenji ta' Rio+20 bħal dawk dwar il-bijodiversità tal-baħar lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali, l-iskart fil-baħar u d-degradazzjoni tal-art.

13. Sabiex tiġi riflessa aħjar in-natura multidimensjonali tal-qerda tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli, l-UE u l-Istati Membri tagħha jirriaffermaw il-ħtieġa li jaħdmu mal-organizzazzjonijiet rilevanti biex iħarsu lil hinn mill-Prodott Domestiku Gross (PDG) għal miżuri usa' ta' progress, inkluż il-kapital soċjali u naturali.

14. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġu riflessi l-ispejjeż ambjentali u soċjali sħaħ fil-prezzijiet, kif ukoll l-eliminazzjoni gradwali ta' sussidji ambjentali li jagħmlu l-ħsara li huma inkompatibbli mal-iżvilupp sostenibbli, inklużi l-karburanti fossili.

Lejn qafas ġenerali wara l-2015

15. Il-Kunsill jissottolinja li d-Dikjarazzjoni tal-Millennju u l-eżitu ta' Rio +20 jibqgħu dokumenti ta' referenza ċentrali meta jitqies qafas wara l-2015. Il-Kunsill jisħaq li l-qerda tal-faqar fid-dimensjonijiet kollha tagħha u l-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli huma intrinsikament marbutin, reċiprokament rinforzanti, u għandhom jiġi integrati f'qafas ġenerali wieħed wara l-2015 kif propost mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni reċenti tagħha. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li jiġu integrati bis-sħiħ il-proċessi internazzjonali rilevanti kollha, b'mod partikolari l-ħidma dwar ir-Rieżami tal-MDGs u l-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma Miftuħ għall-elaborazzjoni tal-Għanijiet tal-Żvilupp Sostenibbli (SDGs) fi proċess koerenti wieħed.

16. Il-Kunsill jenfasizza li l-qafas għandu jirrikonoxxi li l-qerda tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli huma reċiprokament rinforzanti u interkonnessi u għalhekk għandu:

a) Jaħdem lejn l-iżvilupp sostenibbli u l-qerda tal-faqar fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, inkluż it-tmiem tal-faqar estrem f'ġenerazzjoni waħda, u biex jiġu żgurati l-prosperità sostenibbli u l-benesseri tal-popli kollha fid-dinja kollha.

b) Jintegra t-tliet dimensjonijiet interrelatati tal-iżvilupp sostenibbli (ekonomika, soċjali u ambjentali) b'mod ibbilanċjat biex jiżgura:

- standards ta' għajxien bażiċi, inklużi s-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni, is-saħħa, l-edukazzjoni, l-ilma u d-drenaġġ, l-enerġija sostenibbli, ix-xogħol deċenti u bażijiet ta' protezzjoni soċjali għal kulħadd;

- il-promozzjoni tal-ixpruni tal-ekonomija ekoloġika fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli, inkluża t-trasformazzjoni ekonomika strutturali;

- l-użu sostenibbli, il-ġestjoni u l-protezzjoni tar-riżorsi naturali u s-servizzi tal-ekosistema li jipprovdu.

c) Ikun globali fl-aspirazzjoni u l-kopertura u universalment applikabbli, filwaqt li jkun ibbażat fuq l-appartenenza nazzjonali u b'kont meħud tal-kuntesti nazzjonali, kapaċitajiet u livelli ta' żvilupp differenti u jirrispetta l-politiki u l-prijoritajiet nazzjonali.

d) Jibni fuq il-progress magħmul fl-MDGs attwali u jiżgura l-ksib tal-għanijiet eżistenti kif ukoll jindirizza kwalunkwe lakuna li jibqa'. Għandu wkoll ikun konsistenti ma' u jappoġġa impenji, għanijiet u miri internazzjonali oħrajn bħat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità.

e) Jiżgura approċċ ibbażat fuq id-drittijiet li jinkludi d-drittijiet kollha tal-bniedem. Għandu jindirizza wkoll il-ġustizzja, l-ugwaljanza u l-ekwità, il-governanza tajba, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, b'attenzjoni qawwija fuq l-għoti ta' setgħa u d-drittijiet tan-nisa u l-bniet u l-ugwaljanza bejn is-sessi, u fuq il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fil-konfront tan-nisa bħala prekondizzjonijiet essenzjali għal żvilupp sostenibbli ġust u inklużiv, kif ukoll bħala valuri u objettivi importanti fihom infushom. Aħna nibqgħu impenjati għall-promozzjoni, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem kollha u għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma għal Azzjoni ta' Bejġing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u f'dan il-kuntest għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi.

f) Jirrikonoxxi l-impossibbiltà li jinkiseb żvilupp sostenibbli fil-kuntesti tal-fraġilità, il-vjolenza u l-kunflitt armat u l-importanza tal-evitar tal-kunflitt f'dan ir-rigward, u jindirizza l-paċi u s-sigurtà u l-libertà mill-vjolenza, u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-istati u l-pajjiżi fraġli affettwati mill-kunflitt jew f'sitwazzjoni wara l-kunflitt, billi jibni fuq id-Djalogu Internazzjonali dwar il-Konsolidazzjoni ta' Paċi u tal-Istat u l-Ftehim Ġdid.

g) Jikkonsisti minn sett wieħed ta' għanijiet ċari, li huma ambizzjużi, ibbażati fuq l-evidenza, li jistgħu jinkisbu, orjentati lejn l-azzjoni, limitati fl-għadd u faċli biex jiġu kkomunikati, b'miri u indikaturi miżurabbli li huma kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi u li għandhom jiġu rieżaminati u ssorveljati biex jiġu żgurati t-trasparenza u r-responsabbiltà.

h) Jiġi żviluppat u implimentat fi sħubija mill-qrib mal-partijiet interessati kollha, inkluż is-settur privat, b'mod li jiżgura li l-ilħna tal-aktar persuni fqar u vulnerabbli jinstemgħu u li l-ħtiġijiet tagħhom jiġu prijoritizzati.

i) Ikollu limitu ta' żmien iffokat bi provvediment għal azzjoni fiż-żmien medju sal-2030 u jkollu viżjoni koerenti aktar fit-tul.

17. Il-Kunsill jenfasizza wkoll li:

a) Il-koerenza tal-politika fil-livelli kollha u, b'mod partikolari, il-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp, jeħtieġ li jissaħħu fis-setturi kollha, inkluż fil-miżurabbiltà tagħhom, biex jinkisbu aħjar il-qerda tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli.

b) Il-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tal-iżvilupp tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw inklużi l-pajjiżi l-inqas żviluppati, l-istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw u l-pajjiżi maqtugħin mill-baħar li qed jiżviluppaw huma riflessi bis-sħiħ fil-qafas.

c) Hemm ħtieġa għal approċċ komuni u komprensiv għal finanzjament għall-iżvilupp wara l-2015. Ikun importanti li jiġu indirizzati, b'mod koerenti u komprensiv, il-proċessi internazzjonali rilevanti relatati mal-finanzjament, ir-rwol tal-ODA, is-sorsi innovattivi ta' finanzjament, ir-regolament finanzjarju u l-flussi finanzjarji illeċiti, it-trasferiment tat-teknoloġija, il-bini tal-kapaċità, il-kummerċ u dawk il-proċessi mwettqin fil-kuntest tat-tibdil tal-klima, il-bijodiversità u d-deżertifikazzjoni. Ikun ukoll importanti li jittieħed kont tal-eżitu minn Rio +20 dwar proċess li jipproponi għażliet għal strateġija ta' finanzjament għal żvilupp sostenibbli.

d) Il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi kollha, pubbliċi u privati, domestiċi u internazzjonali u l-użu effettiv u innovattiv tagħhom ser ikun vitali għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni b'suċċess tal-qafas.

e) Il-qafas ġdid għandu jirrifletti l-impenji eżistenti biex tittejjeb l-effettività tal-għajnuna u l-iżvilupp maqbula fil-Forums ta’ Livell Għoli f'Ruma, Pariġi, Accra u Busan.

Il-Passi li Jmiss

18. L-UE u l-Istati Membri tagħha jimpenjaw ruħhom li jkollhom rwol attiv u kostruttiv fil-proċessi kollha li għaddejjin u li jappoġġaw il-konverġenza tagħhom sabiex jinkiseb qafas ġenerali wieħed wara l-2015.

19. Il-Kunsill jilqa' l-progress fl-elaborazzjoni ta' qafas ġenerali wara l-2015 u l-ħidma tas-sistema tan-NU, dik tal-Panel ta' Livell Għoli tas-SĠNU ta' Persuni Eminenti fuq l-Aġenda tal-Iżvilupp ta' wara l-2015, il-Grupp ta' Ħidma Miftuħ dwar l-SDGs u konsultazzjonijiet reġjonali, nazzjonali u tematiċi mmexxijin mis-sistema tan-NU, bħala kontributi importanti għall-iżvilupp tal-qafas.

20. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jiżviluppaw aktar l-oqsma ta' prijorità, b'kont meħud tal-proposti deskritti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u proposti minn sħab oħrajn.

21. Il-Kunsill ser ikompli jsegwi u jinvolvi ruħu fil-proċessi internazzjonali u jiddefinixxi u jadatta, kif meħtieġ, il-pożizzjoni tal-UE u l-Istati Membri tagħha lejn aġenda ġenerali wara l-2015.